MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2013

Numru. 1257/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**YVONNE ABELA**
**JOHN BAPTIST ABELA a.k.a GIOVANN**
**ROBERT ABELA**
**JOSEF (JOSEPH) ABELA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Yvonne Abela, ta' 67 sena, bint Guido u Emily nee' Mifsud, imwielda Sliema u residenti 180, Giovan, Triq Leli Falzon, Naxxar, detentrici tal-karta tal-identita' numru 443345M, fil-kapacita taghha bhala direttrici registrata tal-kumpanija Giovan Hardware Stores Limited;

U

John Baptist Abela, a.k.a Giovann ta' 66 sena, bin Joseph u Antonia nee' Fenech, imwieled Valletta u residenti 180, Giovan, Triq Leli Falzon, Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 241646(M), fil-kapacita tieghu bhala rapprezentant gudizzjarju tal-kumpanija Giovan Hardware Stores Limited;

U

Robert Abela, 37 sena, bin John Baptist u Yvonne nee' Galea, imwieled San Giljan u residenti 206, Flat 12, Tower Road, Sliema, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 504874(M), fil-kapacita tieghu bhala amministratur tal-kumpanija Giovan Hardware Stores Limited;

U

Josef (Joseph) Abela, ta' 40 sena, bin John Baptist u Yvonne nee' Galea, imwieled Sliema u residenti 5, Ta' Zeppi, Triq Mongur, Gharb Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 170572(M), fil kapacita tieghu bhala amministratur tal-kumpanija Giovan Hardware Stores Limited;

Gew akkuzati talli f'xi granet, f'April 2012 u qabel, b'diversi atti maghmulin minnhom li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'dawn il-Gzejjer,

1. xjentement qieghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq;

U lil Robert Abela wahdu akkuzat li rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ sejbien ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok RS9 u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghhom l-imputati Yvonne Abela, John Baptist Abela a.k.a. Giovann u Josef (Joseph) Abela wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom u l-imputat Robert Abela wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati Yvonne Abela, John Baptist Abela a.k.a. Giovann u Josef (Joseph) Abela wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom u l-imputat Robert Abela wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputati Yvonne Abela, John Baptist Abela a.k.a. Giovann u Josef (Joseph) Abela l-artikoli 18 u 298(1)(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat Robert Abela l-artikoli 18, 298(1)(f) u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati Yvonne Abela, John Baptist Abela a.k.a. Giovann u Josef (Joseph) Abela, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tillibera lill-istess Yvonne Abela, John Baptist Abela a.k.a. Giovann u Josef (Joseph) Abela taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet

ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Issib lill-imputat Robert Abela, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Robert Abela ghall-piena ta’ tmintax (18)-il xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ sentejn (2) millum l-imputat Robert Abela jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna il-konfiska u id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti formalment bhala Dok. RS21.

Il-Qorti qed taghti lill-imputati Yvonne Abela, John Baptist Abela a.k.a. Giovann u Josef (Joseph) Abela l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Robert Abela l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------